**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**(1) Monica Magro (KI 193553(M)**

**(2) Carmen Houlton (KI 812905(M))**

**vs**

**(1) Jesmond Vassallo (KI 050268M))**

**(2) Maria Therese Tabone (KI 259065(M))**

**(3) Mark Vassallo (KI 177570(M))**

**Rikors Numru: 37/2018JD**

Illum 26 ta' Gunju 2019

Il-Bord,

Ra r-Rikors tar-rikorrenti pprezentat quddiem dan il-Bord fit-13 ta' Awissu 2018 li permezz tieghu ppremettew:

(1) Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond Nru 4 gia 121, Our Lady of Sorrows Street, Hamrun, liema fond kien mikri lil Alfred u Emma konjugi Vassallo minn qabel l-1995;
(2) Illi r-rikorrenti kienu fethu proceduri legali kontra l-intimati minhabba li kienu qed jokkupaw il-fond proprjeta' taghhom b'mod illegali u abbuziv wara l-mewt tal-genituri taghhom, l-imsemmija Alfred u Emma konjugi Vassallo, u fejn inghatat sentenza mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Monica Magro et vs Jesmond Vassallo et (Rik Nru 46/2017) kif jidher fil-kopja vera tas-sentenza annessa u mmarkata bhala Dok A;
(3) Illi din il-kawza giet deciza favur l-esponenti, fejn dan l-Onorabbli Bord ordna l-izgumbrament tal-intimati, kif jidher mis-sentenza mejmuza u mmarkata bhala Dok A;
(4) Illi ghal din is-sentenza ma' kien hemm l-ebda appell, kif jidher ukoll fid-dokument sopracitat immarkat bhala Dok B;

(5) Illi minkejja dan, ghad hemm kontijiet tad-dawl u l-ilma fuq il-fond li sallum ghadhom ma' thallsux, kif jidher mill-kont bilancjali li jammonta ghal €4,236.19, u/jew somma verjuri, liema kont huwa anness u mmarkat bhala Dok C;
(6) Illi fil-mori tal-kawza Rik 46/2017 deciza fis-6 ta' Novembru 2017 li hija mmarkata bhala Dok A giet ceduta talb atar-rikorrenti, liema talba kienet qed titlob illi jithallsu l-kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma marbut mal-uzu tal-fond mill-intimati;
(7) Illi din ic-cessjoni saret minghajr pfregudizzju ghat-talba tal-esponenti;
(8) Illi l-intimati gew interpellati permezz tal-ittra ufficcjali numru 2149/16, intavolata fil-24 ta' Gunju 2016 biex ihallsu dawn il-kontijiet izda huma baqghu inadempjenti u moruzi. Illi din l-ittra ufficjali hija mmarkata bhala Dok D;
(9) Illi l-intimati gew debitament notifikati b'din l-ittra ufficcjali f'Lulju 2016;
(10) Illi din il-kawza giet intavolata quddiem dan l-Onorabbli Bord inkluz skont l-artikolu 1525 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu lil dan il-Bord sabiex jaqta' u jiddeciedi billi:

1) Jiddikjara lill-intimati solidalment responsabbli sabiex ihallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma fuq il-fond 4 gia 121, Our Lady of Sorrows Street, Hamrun u jordna u jikkundanna lill-intimati solidalment sabiex ihallsu l-kontijiet kollha tad-dawl u l-ilma, liema kontijiet jammontaw ghas-somma bilancjali ta' Eur 4,236.19 u/jew somma ohra verjuri, u dan fi zmien qasir u perentorju prefiss minn dan il-Bord.

Bl-ispejjez kontra l-intimati u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali datata l-24 ta' Gunju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta tal-intimata Maria Theresa Tabone li permezz taghha eccepiet:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ratione materie ta' dan il-Bord stante li t-talba hija sempliciment talba ghal-hlas t'allegat ammont minghajr relazzjoni ta' kirja. Fi kliem ir-rikorrenti stess, l-intimata qeghda (haga kontestata) tirrisjedi fil-fond inkwistjoni minghajr titolu. Wara kollox, diga' hemm sentenza ta' dan il-Bord li ordna l-izgumbrament ukoll tal-intimata u ghalhekk zgur li l-intimata m'hijiex qeghda teccepixxi titolu ta' kera. Dan lanqas kien sehh fil-proceduri anterjuri rigwardanti l-izgumbrament.
2. Illi preliminarjament ukoll ir-rikorrenti jridu jippruvaw li hallsu l-ispejjez relevanti wara c-cessjoni minnhom tat-talbiet enumerati 4, 5 u 6 tal-proceduri fl-istess ismijiet bin-numru 46/17 decizi minn dan il-Bord kif presjedut fis-6 ta' Novembru 2017, qabel il-ftuh ta' dawn il-proceduri a tenur tal-artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju wkoll in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti ghall-allegata somma, ghaliex fin-nuqqas ta' prova lir-rikorrenti gew

surrogati fid-drittijiet tas-socjeta' ARMS Limited, hija dik is-socjeta' biss li tista' tirriklama dan l-allegat ammont.

4. Illi preliminarjament ukoll, l-esponent m'hijiex il-legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri.
5. Illi fil-mertu, l-esponenti ilha li telqet mill-fond inkwistjoni zmien twil ilu, circa ghoxrin sena ilu u ghalhekk ma tahti ghall-ebda konsum ta' dawl jew ilma.
6. Illi l-esponenti m'ghandha taghti l-ebda ammont, fl-aghar ipotezi dawn ghandhom jithallsu minn min utilizza servizz.
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra li l-intimati l-ohra naqsu li jipprezentaw Risposta minkejja li kienu debitament notifikati bl-atti tal-kawza.

Ra l-ordni moghti minn dan il-Bord fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2018 sabiex tigi trattata l-ewwel eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza tal-Bord biex jisma' u jiddeiciedi t-talba tar-rikorrenti, liema eccezzjoni tqajmet mill-intimata Maria Theresa Tabone.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Din hija kawza li r-rikorrenti qed jaghmlu kontra l-intimati, successuri tal-inkwilini li kienu jokkupaw il-fond 121, Triq id-Duluri, Hamrun, ga mikri lill-genituri taghhom, Alfred u Emma konjugi Vassallo, illum mejta. Ir-rikorrenti kienu hadu pussess ta' dan il-fond wara proceduri quddiem dan il-Bord fl-ismijiet **Monica Magro et vs Jesmond Vassallo et** (Rik. 46/2017) decizi favur taghhom fis-6 ta' Novembru 2017 (aktar 'l isfel tissejjah 'l-Ewwel Sentenza).[1] Bil-kawza prezenti, ir-rikorrenti qed jitolbu li dan il-Bord jiddikjara lill-intimati solidalment responsabbli sabiex ihallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma fuq dan il-fond, li jammontaw ghas-somma ta' erbat elef mitejn u sitta u tletin Ewro u dsatax-il centezmu (€4236.19), jew somma verjuri li tigi stabbilita minn dan il-Bord.

Preliminarjament, l-intimata Maria Theresa Tabone eccepiet in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan il-Bord biex jisma' u jiddeciedi din il-kawza ghaliex jidhrilha li t-talba hija semplicement wahda ghall-hlas ta' ammont li ma ghandu x'jaqsam xejn ma' kirja. Hija tghid li hija qatt ma ppretendiet li kellha titolu ta' kiri fuq dan il-fond, u lanqas ghadha qed tokkupah kif jallegaw ir-rikorrenti.

[1] Ara Sentenza li ghaddiet f'gudikat, Doki. A u B annessi mar-Rikors promotur, fol. 4 sa 10

Fis-sottomissjonijiet taghha, l-intimata argumentat li, fl-Ewwel Sentenza, dan il-Bord accetta l-verzjoni taghha li ghalkemm hija wahda mill-werrieta tal-konjugi Vassallo, hija kienet ilha ghexieren ta' snin ma tirrisjedi fil-fond mikri lill-genituri taghha fil-Hamrun, mindu kienet izzewget, u lanqas biss kellha c-cwievet tieghu, u li ghalhekk ma kienet qed tivvanta ebda titolu ta' kiri dwaru. Minn dan il-fatt, l-intimata tislet li hija qatt ma kellha ebda relazzjoni lokatizja mar-rikorrenti. Hija ghalhekk tikkonkludi li dan in-nuqqas inehhi kull kompetenza ta' dan il-Bord fuq it-talba mressqa quddiemu kontra taghha mir-rikorrenti. L-intimata rrikonoxxiet id-divergenzi fil-gurisprudenza taghna fuq din il-kwistjoni tul is-snin, pero' ghazlet li tirreferi ghas-sentenzi **Enriketta Bonnici vs Gordon Borg**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-4 ta' Dicembru 2013, u **Romina Delicata Mohnani vs Alfred Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fid-9 ta' Lulju 2014, **Massih Massihnia vs Stivala Properties Limited** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2013 u **Frankie Cutajar et vs Frances Caruana** deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fit-28 ta' Settembru 2018, in sostenn ta' dan l-argument taghha.

Min-naha 'l ohra, ir-rikorrenti jiccitaw l-**art. 1525 tal-Kodici Civili** dwar il-kompetenza ta' dan il-Bord, kif estiza bl-Att X tal-2009, biex *'jiddeciedi kwistjonijeit konnessi ma' kuntratti ta' kiri ta' fond urban u ta' dar ghall-abitazzjoni u ta' fond kummercjali'*. Huma jistriehu min-naha taghhom fuq diversi gudikati li hadu l-linja li dan il-Bord ghandu kompetenza esklussiva fuq kull kwistjoni li hija direttament jew indirettament konnessa ma' kuntratt ta' kiri, li ghadu jezisti jew li diga' intemm. Ir-rikorrenti targumenta wkoll li, bl-Ewwel Sentenza, jinsab illum rikonoxxut b'mod definittiv li l-intimata Maria Theresa Tabone hija eredi universali tal-genituri taghha, u dan il-fatt ixejjen ghal kollox kull difiza tal-intimata kontra t-talba taghhom f'din il-kawza.

Wara li ra d-disposizzjonijiet tal-ligi rilevanti ghal din il-kwistjoni, u qies il-fatti kollha f'dan il-kaz, dan il-Bord huwa tal-fehma li ghandu l-kompetenza esklussiva biex jiddeciedi t-talba tar-rikorrenti.

Kif irrilevat tajjeb l-intimata, wara l-emendi fil-ligi tal-kiri bl-Att X tal-2009, il-kwistjoni dwar il-kompetenza tal-qrati ordinarji u dan il-Bord fi kwistjonijiet konnessi, direttament jew indirettament, ma' kuntratti ta' kiri, giet trattata diversi drabi, u inghataw interpretazzjonijiet differenti lid-disposizzjonijiet rilevanti. Dawn id-disposizzjonijiet huma s-segwenti:

**Art. 1525(1)**, Kodici Civili

*'... Il-**Bord li Jirregola l-Kera** (hawn aktar 'il quddiem f'dan it-titolu msejjah 'il-Bord tal-Kera') mahtur bis-sahha tal-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri*

*ta' Bini ghandu* ***kompetenza esklussiva li jiddeciedi kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri ta' fond urban u ta' dar ghall-abitazzjoni u ta' fond kummercjali****. Kirjiet ohra jaqghu taht il-kompetenza tal-qrati ta' gurisdizzjoni civili u fil-kaz ta' raba' taht il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' mahtur bid-disposizzjonijeit tal-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba'.'*

**Art. 16(4),** Ordinanza dwar it-Tigdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta)

*'****Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra****, il-Bord ghandu wkoll jiddeciedi l-materji kollha li jolqtu kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu fondi residenzjali kif ukoll fondi kummercjali u dan ghat-terminu ta' Titolu IX tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili, Fuq il-Kuntratti tal-Kiri, inkluzi kawzi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani fejn il-kirjiet ikunu ntemmu wara t-terminazzjoni ta' kirja.'*

**Art. 39(5)** tal- Att tal-2009 li Jemenda l-Kodici Civili (Att X tal-2009)

Il-Bord tal-Kera maħtur bis-saħħa tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, għandu jkollu **ġurisdizzjoni esklussiva li jiddeċiedi kwistjonijiet konnessi ma' kirjiet ta' fondi urbani li jinkludu kemm fondi kummerċjali kif ukoll fondi residenzjali**. B'dan iżda li kawżi li jirrigwardaw kuntratt ta' kiri li fl-1 ta' Jannar, 2010 ikunu pendenti quddiem Qrati jew Tribunali oħra għandhom jibqgħu trattati mill-istess Qrati jew Tribunali.

Inizjalment, il-qrati inferjuri[2] taw interpretazzjonijiet kunfliggenti lid-disposizzjonijiet citati. Dawk id-decizjonijiet kunfliggenti kienu appellati, u anke l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) lahqet waslet ghal konkluzjonijiet differenti, partikolarment dwar il-kompetenza tal-qrati ordinarji fil-kaz ta' talbiet ghal hlas imressqa wara t-terminazzjoni ta' kirja, bhal f'dan il-kaz, u jekk kwistjonijiet bhal dawn jaqghux ukoll fil-kompetenza esklussiva ta' dan il-Bord[3], inkella jekk humiex eskluzi minn dik il-kompetenza specjali u allura jidhlu fil-kompetenza generali tal-qrati ordinarji[4]. Dawn l-interpretazzjonijiet kunfliggenti kienu dovuti ghad-dicitura konfuza fid-disposizzjonijiet fuq citati, introdotti bl-Att X tal-2009, li sal-lum sfortunatament legislaturi differenti naqsu milli jemendaw b'dicitura cara li tirrifletti l-intenzjoni legislattiva, originali jew tal-lum, f'materja li l-importanza taghha qed tizdied dejjem aktar.

---

[2] Ara **Pawla Xerri vs Francis Muscat et,** Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Inferjuri, 18.6.2013;
[3] Ara fost ohrajn **Romina Delicata Mohnani vs Alfred Borg et, Appell (Inferjuri),** 9.7.2014
[4] Ara decizjoni ewlenija f'dan is-sens **Enriketta Bonnici vs Gordon Borg**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 4.12.2013

Dan il-Bord jidhirlu li din is-sitwazzjoni xejn felici ta' incertezza assoluta dwar il-kompetenzi rispettivi tal-Bord li Jirregola l-Kera, u l-qrati ordinarji, f'materji konnessi ma' kiri, giet definittivament rizolta u ccarata fi tlett sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-16 ta' Dicembru 2015. Fis-sentenza **Salvatore Bartolo et vs Anthony Deguara et**[5], il-Qorti tal-Appell spjegat fit-tul l-interpretazzjoni taghha lid-disposizzjonijiet fuq citati, u r-ragunijiet ghalxhiex kienet qed tiddipartixxi mill-konkluzjoni fis-sentenza taghha (diversament presjeduta) **Enriketta Bonnici vs Gordon Borg** li fuqha tistrieh l-intimata:

*'Il-qorti rat id-dibattiti parlamentari u tistqarr li dwar din il-materja ma sabet l-ebda ispirazzjoni ghajr li l-Ministru tal-Politika Socjali li pprezenta l-ligi qal:-*

*"Materji li għandhom x'jaqsmu mal-kirjiet ma jibqgħux taħt id-diskrezzjoni tal-qrati imma jibdew jaqgħu taħt il-kompetenza tar-Rent Regulation Board. L-eċċezzjoni tkun li dawk il-kawżi li nfetħu qabel din il-liġi jibqgħu taħt il-kompetenza tal-qrati" (seduta tal-10 ta' Dicembru 2008, seduta numru 66).*

*Fil-white paper li kienet titratta l-ligijiet tal-kera*[6] *tohrog car x'kienet l-intenzjoni tal-Gvern li ressaq il-ligi fir-rigward tal-Bord:*

*"Ir-regolamentazzjoni u l-governanza tas-suq tal-kera ghandhom jitqieghdu taht entita wahda biex ikun zgurat li jkun hemm strument effettiv ghal soluzzjonijiet legali f'materji ta' din ix-xorta, u f'dan ir-rigward ghandha tinghata gurisdizzjoni shiha lill-Bord ghar-Regolamentazzjoni tal-Kera li ghandu jkun ristrutturat". Sfortunatament minkejja li s-suq tal-kiri tant kiber f'Malta, il-weghda tal-Gvern li jkun hemm ristrutturazzjoni tal-Bord Li Jirregola l-Kera baqghet biss fuq il-karta.*[7]

*Fl-Att X tal-2009 hemm xejn inqas minn tliet provvedimentli li jittrattaw is-suggett dwar il-kompetenza tal-Bord, u cjoe' l-Artikoli 2, 38 u 39(5). Fatt li ma jghin xejn u anzi jidher li serva biex holoq incertezza. Dan apparti li f'dawn l-istess provvedimenti hemm sitwazzjonijiet fejn it-test Ingliz ma jirriflettix t-test Malti.*

*Il-qorti hi tal-fehma li jkun ghaqli li l-legislatur jintervjeni sabiex il-materja tal-kompetenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera tigi regolata minn provvediment wiehed tal-ligi li jkun car u li ma johloqx il-problemi li l-imsemmija provvedimenti qeghdin joholqu. Il-posizzjoni attwali tidher li qeghda sservi biss ghal incertezza u telf ta' zmien ghal min ikun kostrett jipproponi proceduri gudizzjarji f'kwistjonijiet fejn is-suggett hu l-kiri ta' fond urban.*

---

[5] Appell (Inferjuri), 16.12.2015, citata mill-konvenut fin-Nota ta' Riferenzi, fol. 15

[6] Il-Htiega ta Riforma, Sostenibilita', Gustizzja u Protezzjoni pubblikata mill-Ministeru ghall-Politika Socjali.

[7] Fl-Ingliz: *"….. on all matters relating to contracts of lease of urban property and of a residence and of commercial tenements…."*

*Ghal finijiet ta' kompetenza,* ***il-ligi ma taghmilx distinzjoni jekk fiz-zmien li l-attur jipproponi l-kawza l-kirja tkunx ghadha fis-sehh jew le****.* ***Mill-Artikolu 1525 tal-Kodici Civili ma jirrizultax li l-komptenza tal-Bord tiddependi mill-ezistenza ta' lokazzjoni fiz-zmien li tigi proposta l-kawza*** *… Il-pretensjoni tal-atturi hi bazata fuq* ***obbligi kuntrattwali li jemanu mill-kuntratt ta' lokazzjoni li kien hemm bejn il-kontendenti.*** *Gialadarba l-Artikolu 1525 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-Bord ghandu: "…..* ***l-kompetenza esklussiva li jiddeciedi kwistjonijiet konnessi ma' kuntratti ta' kiri***[8] *ta' fond urban u ta' dar ghall-abitazzjoni u ta' fond kummercjali", ghal din il-qorti hu evidenti li <u>t-talba ghall-hlas ta' kera taqa' fil-kompetenza tal-Bord irrispettivament jekk il-lokazzjoni ghadhiex in vigore jew le. Provvediment li ma jaghmilx distinzjoni f'liema perjodu jkun sar il-kuntratt ta' lokazzjoni</u>.*

*…*

*Il-qorti taf li hemm gurisprudenza li tghid mod iehor. Hekk per ezempju l-kawza* ***Enriketta Bonnici vs Gordon Borg****, deciza minn din il-qorti fl-4 ta' Dicembru 2013. Il-qorti ser tillimita ruhha biex tosserva li jidher li d-decizjoni tal-qorti kienet bazata fuq interpretazzjoni tal-Artikolu 16(4) tal-Kap. 69. Fir-rigward tal-Artikolu 1525 tal-Kodici Civili, il-qorti osservat:*

*"il-Qorti tqis illi l-kliem tal-artikolu 16(4) Kap. 69 cioe' 'minkejja d-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra ghandha tiftiehem illi anke jekk ghal grazzja tal-argument hemm divergenza fil-portata tat-tifsira li ghandha tinghata lillartikolu 1525(1) tal-Kap. 16 u artikolu 16(4) tal-Kap. 69, ghandu jipprevali dak li qed jinghad fl-ahhar imsemmi artikolu. Pero din il-qorti tqis li ma hemm ebda divergenza izda biss aktar kjarezza fil-kliem tal-artikolu 16(4)".*

*Din il-qorti tosserva li:-*

*i. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-Artikolu 16(4) tal-Kap. 69 ghandu jipprevali fuq l-Artikolu 1525 tal-Kodici Civili. Iz-zewg provvedimenti tal-ligi gew introdotti bis-sahha tal-istess ligi, u l-applikazzjoni ta' wiehed ma jiddependix mill-iehor.*

*ii. Wiehed jista' jargumenta li l-Artikolu 16(4) tal-Kap. 69 japplika fejn il-kirja tkun ghadha fis-sehh in kwantu jipprovdi li l-Bord ghandu jiddeciedi "..l-materji kollha li* ***jolqtu kirjiet*** *ta' fondi urbani….", u fit-test Ingliz: "…* ***affecting the leases*** *of urban property". Il-kelma "jolqtu" bl-Ingliz "affecting" taghti lil wiehed x'jifhem li tirreferi ghal kirja ezistenti u mhux li tkun spiccat. Il-kliem "…. inkluz kawzi dwar okkupazzjoni ta' fondi urbani*

[8] Fl-Ingliz: *"connected with the letting of urban property….."*

*fejn* ***il-kirjiet ikunu intemmu****….", jistghu jkomplu jsahhu l-fehma li l-kelma* ***kirjiet*** *fl-ewwel parti talprovvediment qeghda tirreferi ghal kirja li ghadha fis-sehh. Pero' linterpretazzjoni tal-Artikolu 1525 tal-Kodici Civili m'ghandhiex tiddependi mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 16(4) tal-Kap. 69. Fil-fatt lArtikolu 16(4) hu ntiz biss biex jaghti lill-Bord* ***ukoll*** *il-kompetenza li jiddeciedi l-materji li jissemmew f'dak il-provvediment. Tant hu hekk li fl-Artikolu 16(4) tal-Kap. 69 jinghad li "…. il-Bord ghandu* ***wkoll*** *jiddeciedi l-materji …….". Ghalhekk il-kompetenza tal-Bord m'hijiex limitata biss ghal materji li jissemmew fl-imsemmi provvediment.*

*iii. L-Artikolu 1525 jipprovdi li l-Bord hu kompetenti jiddeciedi* ***"kwistjonijiet <u>konnessi</u> ma' kuntratti ta' kiri". Din id-disposizzjoni ma taghmilx distinzjoni bejn kirjiet in vigore u ohrajn li ntemmu, u ghalhekk fil-fehma tal-qorti m'ghandhiex tkun hi stess li tintroduci distinzjoni li l-ligi ma taghmilx****.*

*iv.* ***Ir-realta' tibqa' li kawza fejn jintalab hlas ta' kera hi kwistjoni ntrinsikament marbuta mal-kuntratt ta' kera, u dan minkejja li l-kirja ma tkunx ghadha fis-sehh****. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn bil-mod kif inkiteb l-Artikolu 1525 tal-Kodici Civili, il-Bord ghandu kompetenza li jisma' u jiddeciedi kawza ghall-hlas ta' kera meta l-kirja tkun ghadha fis-sehh filwaqt li m'ghandux tali kompetenza ghas-semplici raguni li l-kirja tkun inhallet. L-Artikolu 1525 tal-Kodici Civili ma jatix lill-qorti x'tifhem li l-legislatur ried jiddistingwi. Wara kollox huma kwistjonijiet relatati mal-obbligi kuntrattwali ta' inkwilin.*

F-istess jum, u ghall-istess ragunijiet, l-istess Qorti waslet ghall-istess konkluzjoni fis-sentenzi **Trevor Buttigieg vs Martin John Easby et** u **Margaret Onanda Constance York vs Simon Gatt noe**. Din il-linja gurisprudenzjali tidher li ghadha prevalenti u segwita sal-lum. Anki dan il-Bord kif presjedut ldiga' kellu l-opportunita' jaghti diversi decizjonijiet preliminari fuq dan il-punt fejn segwa din il-gurisprudenza.

Dan il-Bord jaqbel ma' din l-interpretazzjoni, ghar-ragunijiet kollha spjegati fid-dettall mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenzi fuq citati, u qed jerga' jaghmel tieghu l-konkluzjoni taghha li l-Bord li Jirregola l-Kera jinsab vestit b'kompetenza esklussiva biex jiddetermina talbiet ghall-hlas, imressqa in konnessjoni ma' kuntratt ta' kiri, anke jekk il-hlas jintalab jew jigi dikjarat dovut wara t-terminazzjoni tal-kirja. L-intimata ma tistax targumenta li hija qatt ma kienet parti fir-relazzjoni lokatizja li kienet tezisti bejn ir-rikorrenti u l-genituri taghha, ghaliex hi qatt ma ppretendiet li ghandha jedd tkompli l-istess kirja wara l-mewt taghhom. Id-dikjarazzjoni bl-Ewwel Sentenza, fuq ammissjoni taghha stess, li hija eredi universali tal-genituri taghha, timplika li l-intimata wirtet ukoll

minghand il-genituri taghha l-jeddijiet lokatizji li kellu s-superstiti fosthom fil-mument tal-mewt tieghu, almenu sal-gheluq tal-iskadenza li kienet korrenti fid-data tal-mewt. Konsegwentement, mill-mument tal-mewt tas-superstiti fost il-genituri tal-intimata sal-gheluq tal-iskadenza tal-kiri tal-fond mertu tal-kawza li kienet korrenti fid-data tal-mewt, l-intimata dahlet fiz-zarbun ta' inkwilin li kellu s-superstiti fost il-genituri taghha, u ghalhekk kienet parti hija wkoll f'dik ir-relazzjoni lokatizja.[9]

**Decide**

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija, dan il-Bord qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni mressqa mill-intimata Maria Theresa Tabone, u ghaldaqstant qieghed jiddikjara li ghandu kompetenza rationae materiae, bl-ispejjez kontra taghha, u jordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza dwar it-talba fil-mertu.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**

**Cora Azzopardi**

**Deputat Registratur**

---

[9] Ara f'dan ir-rigward **Carlo Azzopardi et vs Mario Rodenas**, Appell (Inferjuri), 17.2.2003